**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 7**

**Il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-1.09 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. David Agius u Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Robert Cutajar ħa sehem fil-laqgħa b'mod virtwali peress li kien jinsab barra minn Malta fuq xogħol parlamentari.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 6 tat-2 ta' Ottubru 2023 ġew ikkonfermati.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

B'referenza għas-seduti konnessi mal-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024, l-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat illi wara li jinqara d-diskors tal-Budget fis-Seduta tat-30 ta' Ottubru 2023, fis-Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023 fil-ħin tal-Mozzjonijiet kellha titressaq il-Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali għas-sena 2024 għall-approvazzjoni tal-Kamra. Huwa żied li r-risposta għall-Budget mill-Kap tal-Oppożizzjoni kellha ssir fis-Seduta tat-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023 u r-replika tal-Prim Ministru kellha ssir fis-Seduta tat-Tlieta, 7 ta' Novembru 2023, b'dawn is-seduti jibdew fis-6.00 p.m. bil-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari jkun sas-6.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx. Id-diskussjoni fil-Kumitat ta' Provvista tad-diversi ministeri tibda l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2023, bil-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari jittieħed fis-seduti ta' filgħaxija meta l-Kamra tiltaqa' filgħodu u filgħaxija, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat ukoll li wara diskussjoni mal-Oppożizzjoni huwa kien se jkun qed jgħaddi skeda aġġornata tas-seduti li fihom kellhom jiġu diskussi l-voti tad-diversi Ministeri fil-Kumitat ta' Provvista, u dan dejjem bil-possibilità li bi qbil jista' jkun hemm emendi għal din l-iskeda ta' seduti.

Huwa żied li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, wara li jagħlaq id-diskors tiegħu l-Prim Ministru fit-8.30 p.m., kellha tittieħed il-votazzjoni fuq il-Mozzjoni biex il-Kamra tirriżolvi ruħha f'Kumitat, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha konnessi mal-Estimi Ġenerali kellhom jittieħdu fis-Seduta tat-18 ta' Diċembru 2023 qabel ma l-Kamra tgħaddi għall-ferjat tal-Milied.

L-Onor. Ellul informa lill-Kumitat li wkoll bi qbil mal-Oppożizzjoni is-seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023, kellha tkun allokata għad-diskussjoni dwar il-Mozzjoni 164 imressqa mill-Onor. Stanley Zammit dwar emenda għall-Avviż Legali 136 tal-2023 li jirregola l-użu tal-caravans. Il-Kumitat qabel illi l-votazzjonijiet li jistgħu jintalbu fuq din il-Mozzjoni kellhom jittieħdu fis-Seduta tat-18 ta' Diċembru 2023, b'dan il-ftehim jiġi verbalizzat fil-Kamra peress li t-terminu provdut fl-Att dwar l-Interpretazzjoni dwar meta l-Kamra għandha tieħu deċiżjoni dwar tali Mozzjoni jagħlaq fl-14 ta' Diċembru 2023.

Il-Kumitat qabel ma' dan l-arranġament tax-xogħol tal-Kamra.

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kienet saritlu talba biex is-seduta li fiha ssir id-diskussjoni f'Kumitat ta' Provvista tal-voti li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur tiġi mxandra wkoll bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ. Huwa informa wkoll lill-Kumitat li filwaqt li l-ħlas għas-servizzi tal-persuni li se jagħtu dan is-servizz kien se jsir mill-Ministeru, l-Uffiċċju tiegħu kien se jipprovdi l-faċilitajiet tekniċi kollha. Il-Kumitat qabel li jsiru dawn l-arranġamenti għas-seduta msemmija.

## XOGĦOL IEĦOR

### Ombudsplan 2024

L-Ispeaker fakkar lill-Kumitat illi l-Ombudsplan għas-Sena 2024 irid jiġi diskuss mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, qabel ma dan ikun jista' jiġi approvat mill-Kamra.

### Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

L-Ispeaker fakkar illi l-Kumitat kien għadu jrid jiddiskuti l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022 u 2023 qabel ma dawn ikunu jistgħu jiġu approvati mill-Kamra.

### Xufier addizzjonali għall-Kap tal-Oppożizzjoni

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien ġie avviċinat mill-Whip tal-Oppożizzjoni dwar l-allokazzjoni ta' xufier addizzjonali għall-Kap tal-Oppożizzjoni. Huwa qal li l-benefiċċju ta' xufier kien stabbilit b'deċiżjoni tal-Kabinett numru ta' snin ilu, u baqa' jiġi implimentat bl-istess mod matul diversi amministrazzjonijiet għal kull persuna li okkupat il-kariga ta' kap tal-oppożizzjoni. Huwa żied jgħid li fl-assenza tal-korp kif provdut fl-Artikolu 17 tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, kien qiegħed iressaq din il-proposta għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat.

L-Onor. Robert Cutajar spjega lill-Kumitat li bit-talba għal-allokazzjoni ta' xufier addizzjonali, dan il-benefiċċju kien jiġi l-istess bħal dak li llum huwa intitolat għalih Ministru. L-Onor. David Agius qal li tali deċiżjoni kienet tispetta lill-Ispeaker u ma kellhiex bżonn l-approvazzjoni tal-Kumitat ladarba kien hemm l-approvazzjoni finanzjarja għal dan.

L-Onor. Chris Fearne qal li filwaqt li mhux qed jgħid li dan il-benefiċċju m'għandux jingħata, huwa jara li dan għandu jkun parti minn diskussjoni aktar wiesgħa dwar il-benefiċċji u l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu intitolati għalihom il-Membri Parlamentari.

Wara diskussjoni l-Kumitat ma laħaqx qbil li din it-talba tintlaqa' f'dan l-istadju.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tkun komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**